# Maltese Literature Group Inc.
# Grupp Letteratura Maltija Ink.

Incorporation No. A8686H

*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*

**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

**FOLJU T'AĦBARIJIET**
**Numru 273 :: FRAR, 2019**



**Editur: Paul Vella**
paul.vella44@gmail.com


## IL-LAQGĦA TAL-MEMBRI LI TMISS

Il-laqgħa li tmiss, bħas-soltu, se tkun l-aħħar Ġimgħa tax-xahar, jiġifieri nhar il-Ġimgħa, **22 ta' Frar, 2019,** fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Il-membri kollha mistiedna li jġibu xi xogħol biex jinqara f'din il-lejla. Jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm fil-ħin. Nixtieqů naraw aktar membri jattendu għal dawn il-laqgħat, għalhekk ħajru lill-membri tal-familja u lil ħbiebkom biex jiġu u jsiru membri tal-Grupp tagħna.

## MIŻATA TA' SĦUBIJA

Il-miżata ta' sħubija issa qed titħallas fl-1 ta' Jannar ta' kull sena minn kulħadd. Dan ifisser li l-miżata issa titħallas minn Jannar sa Diċembru. Dawk li għadhom ma ħallsuhiex huma mitluba jagħmlu dan fil-laqgħa li tmiss u jaraw lil Ray Anastasi. Grazzi. Il-miżata għadha $10 kull familja. Grazzi lil dawk li ħallsu l-miżata fl-aħħar laqgħa tagħna.

## KTIEB ĠDID FUQ VASSALLI

Bħalissa qed jiġi stampat ktieb ġdid fuq Vassalli. Fih insibu l-istudju dettaljat ta' Karmenu Bonavia fuq wieħed mill-aktar dokumenti interessanti ta' Vassalli. Il-battaljun ta' Ħaż-Żebbuġ kien dar għal-librerija ta' Vassalli fi Triq Mamo biex il-kotba u l-manuskritti tiegħu jqartsu l-porvli fihom waqt ir-Rewwixta kontra l-Franċiżi.

Kien fl-2006 meta Karmenu fetaħ qalbu magħna fuq din l-iskoperta kbira. Fil-25 ta' Jannar ġie mniedi "Fuq il-Passi ta' Vassalli", ġabra ta' studji fuq Vassalli, u dan il-ktieb qed niddedikawhulu.






## FUQ IL-PASSI TA' VASSALLI – *Joseph P. Borg*

Pubblikazzjoni ta' 460 paġna li tiġbor fiha sitta u tletin kontribuzzjoni li jitfgħu dawl ġdid fuq Vassalli:
fi żmien l-Ordni wara l-ħarba mill-ħabs, insibuh f'Pariġi;
fi żmien il-Franċiżi kien fil-Gwardja Nazzjonali;
kif qatta' parti mill-eżilju f'Korsika u Majorka;
Cambridge University Press kienu se jippubblikawlu t-tieni grammatika.
Il-volum jinkludi wkoll għadd sabiħ ta' ritratti li jinkludu dokumenti u riproduzzjoni bil-kulur ta' ktejjeb rari (u ftit magħruf).
Dettalji bijografiċi ta' Vassalli flimkien mal-għejun tagħhom jikkumplimentaw dan il-ktieb li għandu jkun f'idejn l-istudjużi tal-Malti kif ukoll dawk li għandhom għal qalbhom l-istorja ta' pajjiżna.
Fuq il-Passi ta' Vassalli huwa pubblikazzjoni tal-Klabb Kotba Maltin u qed jinbiegħ bil-prezz speċjali ta' €39 għal dawk li jabbonaw minn issa. Il-prezz tal-ktieb fil-ħwienet se jkun €45.
BORD EDITORJALI: Joseph P. Borg, Dr George Farrugia, Victor Fenech u Dr Olvin Vella



Ħbieb,

L-edizzjoni ta' Frar ta' Poeżijaplus se tfakkar il-50 anniversarju minn meta ħarġet l-ewwel pubblikazzjoni tiegħi.

1968 - 2018

Din se ssir fil-

Kunsill Lokali tal-Belt Valletta
Pjazza Reġina

nhar it-Tnejn, 25 ta' Frar fis-7.00 pm

Napprezza ħafna l-attendenza tagħkom.

Grazzi.

*Charles Casha*




L-Akkademja tal-Malti-Poeżijaplus-Klabb Kotba Maltin-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta

**NAFU LI HU FTIT KMIENI... IMMA TAJJEB LI TIBDEW TAĦSBU GĦALL-MATERJAL GĦALL-PROGRAMM MUŻIKO-LETTERARJU TA' DIN IS-SENA.**

***Materjal jista' jintbagħat lil Paul Vella fuq:***

**paul.vella44@gmail.com**

State Government Victoria

Department of Premier and Cabinet

OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP

*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

**Jekk toqgħod Melbourne u tixtieq issir membru tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria, ċempel lill-P.R.O., Paul Vella fuq 9460-4404. Nixtiequk tkun magħna.**